MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-20 ta' Novembru, 2017

Rikors Maħluf Numru 563/17LM

**Aegis Corporate Services Ltd (C57029)**

***vs.***

**Avukat Dr Christopher Chircop (K.I. 197289M) u P.L. Peter P. Sammut (K.I. 383463M) bħala Kuraturi Deputati maħtura b'digriet mogħti fl-14 ta' Settembru, 2017 sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera OpusTrust Sp. z.o.o ta' Centum Zielna budynek B ul. Zielna, 37, 00-108, Warsawa, Polska**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-23 ta' Ġunju, 2017 mis-soċjetà attriċi **Aegis Corporate Services Ltd** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Dr Cedric Mifsud, direttur tal-istess soċjetà, li jgħid kif ġej:

*1. Illi s-soċjetà rikorrenti toffri servizzi professjonali partikolarment ta' natura fiduċjarja għal numru ta' sidien benefiċjarji ta' kumpanniji li huma klijenti tas-soċjetà intimata Opus Trust Sp. z.o.o, soċjetà Pollakka ta' Centrum Zielna, budynek B ul. Zielna, 37, 00-108, Warsawa, Polska;*

*2. Illi r-rikorrenti ħarġu diversi fatturi rappreżentanti dawn l-imsemmijin servizzi professjonali li ma ġewx ikkontestati mis-soċjetà intimata u li iżda sal-ġurnata tal-lum għadhom ma ġewx mħallsa (hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A – Dok. AH*[1]*);*

*3. Illi komplessivament l-ammonti tal-imsemmijin fatturi li jirriflettu servizzi fiduċjarji mogħtija lis-soċjetà intimata mis-soċjetà rikorrenti u li għadhom pendenti huwa ta' sebgħa u tletin elf, tmien mija u sebgħin Euro u tmien ċenteżmi (€37,870.08);*

*4. Illi minkejja l-fatt li s-soċjetà rikorrenti interpellat diversi drabi lis-soċjetà intimata sabiex tersaq għal ħlas tal-fatturi relattivi, hija baqgħet inadempjenti u għaldaqstant is-soċjetà intimata hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' sebgħa u tletin elf, tmien mija u sebgħin Euro u tmien ċenteżmi (€37,870.08);*

*5. Illi l-imsemmi ammont ta' sebgħa u tletin elf, tmien mija u sebgħin Euro u tmien ċenteżmi (€37,870.08) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mis-soċjetà intimata lir-rikorrenti u għalhekk fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fl-umli fehma tal-istess rikorrenti, is-soċjetà intimata ma għandhiex eċċezzjonijiet validi xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammonti;*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà intimata għaliex din l-Onrabbli Qorti ma għandhiex:*

*1. Taqta' il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termni tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara illi s-soċjetà intimata hija debitriċi tar-rikorrenti għas-somma ta' sebgħa u tletin elf, tmien mija u sebgħin Euro u tmien ċenteżmi (€37,870.08) rappreżentanti diversi servizzi professjonali ta' natura fiduċjarja illi r-rikorrenti offrew lis-soċjetà intimata;*
*3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata Opus Trust Sp. z.o.o. sabiex tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' sebgħa u tletin elf, tmien mija u sebgħin Euro u tmien ċenteżmi (€37,870.08) għar-raġunijiet kif fuq dettaljati;*

---
[1] *A fol.* 8 sa 41.

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra s-soċjetà intimata li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-14 ta' Settembru 2017[2], fejn l-Avukat Dr Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Peter P. Sammut ġew maħturin bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera konvenuta fil-kawża odjerna u fl-atti kollha relattivi.

Rat ir-Risposta Maħlufa ppreżentata fl-10 ta' Ottubru, 2017 mill-kuraturi deputati l-**Avukat Christopher Chircop** u **l-Prokuratur Legali Peter Sammut** maħtura sabiex jirrapreżentaw lis-soċjetà estera konvenuta **OpusTrust Sp. z.o.o** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà estera konvenuta"), fejn ġie eċċepit:

1. *Illi fl-ewwel lok l-esponenti jiddikjaraw li għadhom mhumiex edotti mill-fatti tal-każ u għaldaqstant qed jirriżervaw id-drittijiet li jippreżentaw risposta ulterjuri motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti u dan sabiex ikunu jistgħu jressqu l-aħjar difiża għall-assenti;*
2. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti jiġi eċċepit illi f'dan il-każ ma kienx hemm il-ħtieġa li jiġu maħtura Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lis-soċjetà OpusTrust Sp.Z.o.o;*
3. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost u għall-eċċezzjonijiet sussegwenti jiġi eċċepit illi ladarba ġew maħtura Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà OpusTrust Sp. Z.o.o, ir-rikorrenti jeħtieġ li tipprova l-każ tagħha u għaldaqstant umilment jiġi rilevat li din il-kawża ma tistax tkun deċiża bid-dispensa taż-żmien ai termini tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
4. *Illi dwar il-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat illi hija r-rikorrenti li għandha l-piż tal-prova u ċjoè illi trid tkun ir-rikorrenti li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinċi lil din l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qiegħda tagħmel fil-konfront tal-intimata huma fondati.*

   *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

[2] *A fol.* 55 sa 58.

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2017 fejn iddiriġiet lill-Kuraturi Deputati sabiex jikkommunikaw mas-soċjetà konvenuta sabiex jiġi stabbilit jekk din għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq f'dawn il-proċeduri u ordnat lis-soċjetà attriċi biex tgħaddi d-dettalji kollha li jista' jkollha dwar fejn tista' tiġi kkuntattjata is-soċjetà konvenuta.

Rat in-nota ppreżentata fis-16 ta' Ottubru, 2017 mill-Kuraturi Deputati **l-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Peter Sammut** li ssottomettew li:

1. *Preliminarjament illi l-azzjoni attriċi ma setgħet qatt tkun intavolata bil-proċedura tal-giljottina u dan peress illi s-soċjetà attriċi ma setgħet qatt bil-ġurament tgħid illi l-pretensjonijiet tagħha hija ċerta, likwida u dovuta u li sa fejn taf hu l-esponenti m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti u dan stante li tal-anqas sa dan il-mument is-soċjetà konvenuta li f'dawn il-proċeduri hija assenti lanqas biss taf li ġew intavolati dawn il-proċeduri fil-konfront tagħha.*

2. *Illi fit-tieni lok jiġi eċċepit illi ladarba ġew maħtura Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà OpusTrust Sp.Z.o.o, ir-rikorrenti jeħtieġ li tipprova l-każ tagħha u għaldaqstant umilment jiġi relevat li din il-kawża ma tistax tkun deċiża bid-dispensa taż-żmien ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Salv u impreġudikat kwalsiasi dritt ieħor li l-Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti jista' għandhom fil-konfront ta' Aegis Corporate Services Ltd. (C-57029), inkluż kwalsiasi eċċezzjoni oħra u premessi u talbiet oħra li jistgħu eventwalment isiru fir-risposta.*

Rat l-artikoli 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2017 fejn l-Avukat Christopher Chircop bħala Kuratur Deputat li qed jirrappreżenta lis-soċjetà estera konvenuta ddikjara li stante l-indirizz tas-soċjetà konvenuta kien il-Polonja, kellhom japplikaw ir-Regolamenti UE Numru 1215/2012 u mhux jiġu appuntati kuraturi deputati. Min-naħa tagħha l-avukat difensur tas-soċjetà attriċi Dr Catherine Mifsud iddikjarat li mid-dokumentazzjoni in atti jirriżulta li l-Kuraturi Deputati stabbilew kuntatt mas-soċjetà estera u l-istess soċjetà hija nfurmata dwar id-debitu, però ma ppreżentat ebda raġunijiet biex turi li kellha eċċezzjonijiet x'tagħti fil-mertu.

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2017, li jgħid li wara li rriżulta li kienu saru żewġ tentattivi ta' notifika lis-soċjetà estera konvenuta *ai termini* tar-Regolamenti applikabbli tal-Unjoni Ewropea u jirriżulta li l-Kuraturi Deputati maħtura biex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera konvenuta fil-proċeduri odjerni kienu stabbilew kuntatt mas-soċjetà konvenuta, ma jidhirx illi s-soċjetà konvenuta kellha eċċezzjonijiet xi tressaq fil-mertu u l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Kuraturi Deputati maħturin biex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera f'dawn il-proċeduri, qegħdin jibbażaw l-oppożizzjoni formali tagħhom għal din il-

proċedura sommarja fuq il-fatt li minn skambju ta' korrispondenza permezz tal-*e-mail* mar-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta Agnieszka Rzepecka[3], din tagħmel riferiment għal parti mir-Regolamenti 1393/2007 tal-EU *"on the service in the Member States of judicial and extrajudicial documents in civil or commercial matters (service of documents), and repealing Council Regulation (EC) No 1348/2000"* u partikolarment għar-regolament 19. Dan ir-regolament fl-intier tiegħu jipprovdi:

> *"Defendant not entering an appearance*
>
> *1. Where a writ of summons or an equivalent document has had to be transmitted to another Member State for the purpose of service under the provisions of this Regulation and the defendant has not appeared, judgment shall not be given until it is established that:*
>
> *(a) the document was served by a method prescribed by the internal law of the Member State addressed for the service of documents in domestic actions upon persons who are within its territory; or*
>
> *(b) the document was actually delivered to the defendant or to his residence by another method provided for by this Regulation;*
>
> *and that in either of these cases the service or the delivery was effected in sufficient time to enable the defendant to defend."*

Dawn ir-regolamenti ma japplikawx meta l-parti konvenuta fil-kawża jkollha rappreżentanza fl-Istat fejn ikunu qegħdin jistemgħu l-proċeduri.[4] Fil-kawża odjerna l-Kuraturi Deputati għamlu kuntatt ma' Agnieszka Rzepecka fit-23 ta' Ottubru, 2017 u saħansitra ttrasmettewlha r-Rikors Maħluf. Is-seduta kienet iffissata għat-28 ta' Ottubru, 2017 u Rzepecka kienet infurmata wkoll mill-

[3] Ippreżentata minnhom stess, *a fol.* 76 sa 82.
[4] Preambolu (8) tal-istess Regolamenti.

Kuraturi Deputati illi dakinhar is-soċjetà konvenuta kellha tgħid jekk kienx hemm eċċezzjonijiet x'jingħataw għat-talbiet attriċi.

Tqis għaldaqstant li s-soċjetà estera konvenuta kienet notifikata bir-Rikors Maħluf u bit-talbiet tas-soċjetà attriċi permezz tal-Kuraturi Deputati u s-soċjetà estera konvenuta kienet debitament rappreżentata fl-Awla mill-Kuraturi Deputati li fil-fatt kienu f'kuntatt dirett mar-rappreżentanta tagħha Agnieszka Rzepecka u għalhekk is-sottomissjoni tal-Kuraturi Deputati li l-proċeduri ta' giljottina "ma jgħoddux" għall-każ odjern, għandha tiġi respinta.

Illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Wings Couriers Ltd. *vs.* L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja b'digriet tat-23 ta' Frar, 2000 nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà Ingliża Global Fast Ltd. gjà Malta Fast Ltd.**[5]:

> "It-tieni aggravju hu fis-sens li s-sentenza appellata hija "nulla u bla effett" għax, dejjem skond l-appellanti, l-ewwel Qorti kellha, qabel ma tilqa' t-talba attriċi għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża, l-ewwel tirrespinġi l-eċċezzjoni (sollevata bin-nota tal-10 ta' Mejju, 2000) li l-proċedura bil-giljottina "mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ". Fl-istess waqt l-appellanti jikkontendu wkoll li huma, permezz tan-nota msemmija, ġabu prova *prima facie* li s-soċjetà estera minnhom rappresentata kellha eċċezzjonijiet tajba x'tagħti. Din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul, hi tal-fehma li ma tistax takkolji anqas dan it-tieni aggravju. Minn qari akkurat tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 170 hu evidenti li, jekk il-konvenut jidher, huwa jista' jagħmel żewġ affarijiet: jew (1) jeċċepixxi, anke permezz ta' nota li tiġi preżentata fir-reġistru jew fl-udjenza, li l-proċedura addotta mill-attur (ċjoè tal-giljottina) "mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ", jew (2) iġib prova *prima facie* li hu għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-meritu (evidentement jista' anke jagħmel it-tnejn – (1) u (2)). Jekk

[5] Q.A., 16.03.2004.

> tingħata l-eċċezzjoni li l-proċedura addottata "mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ" u din tiġi milqugħa mill-Qorti, allura ma hemmx għalfejn li dik il-Qorti tidħol fil-kwistjoni ta' jekk *prima facie* jidhirx li l-konvenut għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontrotalba valida xi jressaq fil-meritu, għax f'dak il-każ il-Qorti għandha mill-ewwel tawtorizza lill-konvenut li jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu kif provdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 170. Dan ma jfissirx, però, kif donnu qed jippretendu l-appellanti, li l-Qorti, fis-sentenza tagħha, għandha għalfejn toqgħod espressament tgħid li qed tirrespinġi l-eċċezzjoni li l-proċedura addottata "mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ". Il-proċedura, u allura anke s-sentenza, tibqa' waħda sommarja, b'mod li ma hemmx għalfejn li tintuża xi formula jew kliem sagramentali. L-espressjoni wżata mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha – **"…ma wrewx li l-konvenuta għandha eċċezzjonijiet tajba x'tagħti"** – kjarament tkopri kemm l-eċċezzjoni tal-irregolarità jew inapplikabilità tal-proċedura bil-giljottina kif ukoll li s-soċjetà konvenuta ma wrietx *prima facie* li għandha eċċezzjonijiet validi fil-meritu x'tissolleva jew kontro-talba valida xi tressaq. Anqas ma jista' jingħad li bis-sempliċi nota tal-10 ta' Mejju, 2000 u xejn aktar l-appellanti, allura konvenuti, urew *prima facie* li kellhom, għan-nom tas-soċjetà estera, eċċezzjonijiet validi fil-meritu x'jissollevaw jew kontro-talba valida xi jġibu 'l quddiem. Għalhekk dana t-tieni aggravju qiegħed ukoll jiġi respint."

Tqis illi mhux biss għandha tiġi riġetta s-sottomissjoni tal-Kuraturi Deputati dwar l-irregolarità ta' dawn il-proċeduri, imma kwantu għall-mertu jirriżulta mill-korrispondenza esebita mis-soċjetà attriċi[6] li s-soċjetà konvenuta permezz ta' *e-mail* mibgħuta minn Agnieszka Rzepecka datata 24 ta' Ottubru, 2017, irrikonoxxiet il-kreditu pretiż mis-soċjetà attriċi u pproponiet kif kellu jsir il-ħlas, proposta li ma ġietx aċċettata mis-soċjetà attriċi.

Billi mis-sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta *tramite* l-Kuraturi Deputati deher illi ma kienx hemm eċċezzjonijiet x'jingħataw għat-talbiet attriċi u tenut kont ukoll li s-somma pretiża mis-soċjetà attriċi ġiet ammessa mir-

[6] *A fol.* 84 sa 87.

rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta fil-*"proposal of the settlement" a fol.* 85 tal-proċess, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12, qieset illi kellha tgħaddi biex tippronunzja ruħha dwar it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ.

Illi għaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjetà attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u dan a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);**

*4.* **2. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hi debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma komplessiva ta' sebgħa u tletin elf, tmien mija u sebgħin Euro u tmien ċenteżmi (€37,870.08) rappreżentanti diversi servizzi professjonali ta' natura fiduċjarja illi s-soċjetà attriċi rrendiet lis-soċjetà konvenuta;**

*5.*

**3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Opus Trust Sp. z.o.o. sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi Aegis Corporate Services Ltd is-somma ta' sebgħa u tletin elf, tmien mija u sebgħin Euro u tmien ċenteżmi (€37,870.08).**

**Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.